



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SUQ INTERN, L-INDUSTRIJA, L-INTRAPRENDITORIJA U L-SMEs

Brussell, it-13 ta' Marzu 2020
REV2 – tissostitwixxi l-avviż
(REV1) datat it-18 ta' Lulju 2019

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-PRODOTTI KOŻMETIĊI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020³. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlqoq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-parteeċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁵ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (Parti B hawn taħt), kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti C hawn taħt).

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

³ Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista', qabel l-1 ta' Lulju 2020, jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-gvern tar-Renju Unit s'issa eskluđa tali estensjoni.

⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħha, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati huma b'mod partikolari rakkomandati li:

- jaraw li huma stabbiliti fl-UE, u li dan jiġi indikat fit-tikkettar rispettiv;
- jiżguraw konformità mal-valutazzjoni tas-sikurezza (il-kwalifiki tal-assessur tas-sikurezza); u
- jieħdu l-passi meħtieġa biex jaġġornaw il-Portal għan-Notifika tal-Prodotti Kożmetiċi (CPNP, Cosmetic Product Notification Portal).

A. SITWAZZJONI LEGALI APPLIKABBLI WARHA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-prodotti kożmetiċi, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi⁶, mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit⁷. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. PERSUNA RESPONSABBLI

Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, għandhom jitqiegħdu fis-suq biss dawk il-prodotti kożmetiċi li għalihom tkun ġiet nominata persuna fiżika jew ġuridika fl-UE bħala "persuna responsabbli". Il-persuna responsabbli għandha tiżgura konformità mal-obbligi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, għal prodotti kożmetiċi manifatturati fl-UE, il-persuna responsabbli għandha tkun il-manifattur stabbilit fl-UE (b'mod awtomatiku) jew il-persuna li tkun stabbilita fl-UE u tkun maħtura b'mandat bil-miktub mill-manifattur u li tkun aċċettat bil-miktub.

Skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, għal kożmetiċi importati fl-UE minn pajjiż terz, l-importatur isir il-persuna responsabbli (b'mod awtomatiku) jew jista' jaħtar permezz ta' mandat bil-miktub persuna oħra biex tkun il-persuna responsabbli, li tkun ukoll stabbilita fl-UE, li għandha taċċetta dak il-mandat bil-miktub.

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-persuni responsabbli ma jistgħux ikunu stabbiliti aktar fir-Renju Unit. Minflok japplika dan li ġej:

- jekk il-prodott kożmetiku jiġi manifatturat fir-Renju Unit, l-importatur fl-UE isir il-persuna responsabbli (b'mod awtomatiku) jew jista' jaħtar b'mandat bil-miktub persuna oħra biex tkun il-persuna responsabbli, li tkun ukoll stabbilita fl-UE, li għandha taċċetta dak il-mandat bil-miktub.

⁶ ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59.

⁷ Rigward l-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 għall-Irlanda ta' Fuq, ara Parti C ta' dan l-avviż.

- L-istess japplika jekk il-prodott kożmetiku jiġi manifatturat f'pajjiż terz ieħor, importat fir-Renju Unit u sussegwentement importat fl-UE.

Fejn, attwalment, persuna responsabbli stabbilita fir-Renju Unit tinħatar minn manifattur/importatur tal-UE, dak il-manifattur/importatur jenħtieġ li jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, tiġi stabbilita persuna responsabbli fl-UE.

2. NOTIFIKA FIL-PORTAL TA' NOTIFIKA TAL-PRODOTTI KOŻMETIĊI

Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, qabel ma tqiegħed il-prodott kożmetiku fis-suq, il-persuna responsabbli għandha tinnotifika lista ta' informazzjoni relatata mal-prodott kożmetiku lill-Kummissjoni, permezz tal-Portal għan-Notifika tal-Prodotti Kozmetiċi⁸ (CPNP - Cosmetic Product Notification Portal).

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, qabel tqiegħed prodott kożmetiku fis-suq tal-UE, il-persuna responsabbli għida fl-UE se jkun jeħtiġilha tagħmel notifikasi tal-prodott fis-CPNP.

Fir-rigward tan-notifiki eżistenti magħmula qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni minn persuna responsabbli stabbilita fir-Renju Unit, is-CPNP joffri l-possibbiltà li n-notifiki jiġu ttrasferiti lil persuna responsabbli oħra. B'hekk, persuna responsabbli bbażata fir-Renju Unit tista' tittrasferixxi notifika eżistenti lill-persuna fl-UE li se tkun responsabbli fil-futur. Din il-persuna responsabbli fl-UE imbagħad se tkun tista' timmodifika n-notifika u tikkompletaha billi żżid l-informazzjoni dwarha li tkun rikjesta, bħall-isem u l-indirizz tal-persuna responsabbli (punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009), u t-tikkettar il-ġdid (l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009; ara wkoll it-taqsimha A.4 ta' dan l-avviż). Madankollu, dan it-trasferiment fis-CPNP huwa possibbli biss sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-persuna responsabbli bbażata fir-Renju Unit mhux se jibqa' jkollha aċċess għas-CPNP.

Persuni responsabbli ġodda stabbiliti fl-UE jistgħu diġà jindikaw qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni li l-prodotti kożmetiċi manifatturati fir-Renju Unit se jkunu, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, importati fl-UE mir-Renju Unit bħala pajjiż ta' oriġini.

3. FAJL TAL-INFORMAZZJONI DWAR IL-PRODOTT (PIF - PRODUCT INFORMATION FILE)

Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, meta prodott kożmetiku jitqiegħed fis-suq, il-persuna responsabbli għandha żżomm fajl tal-informazzjoni dwar il-prodott (PIF) għall-prodott kożmetiku għal perjodu ta' għaxar snin.

Il-PIF għandu jkun aċċessibbli faċilment f'għamla elettronika jew mod ieħor fl-indirizz tal-persuna responsabbli, kif indikat fuq it-tikketta tal-prodott kożmetiku, għall-awtorità kompetenti tal-Istati Membri fejn jinżamm il-PIF. L-informazzjoni

⁸ https://ec.europa.eu/growth/sectors/cosmetics/cpnp_mt.

fil-PIF għandha tkun disponibbli f'lingwa li tinftiehem faċilment mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-PIF għandu jkun disponibbli fl-indirizz tal-persuna responsabbli fl-UE u jiġi adattat skont ir-rekwiżiti tal-lingwa tal-Istat Membru kkonċernat.

4. IT-TIKKETTAR

Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, l-isem u l-indirizz tal-persuna responabbli għandu jkun indikat fuq it-tikketta tal-prodotti kożmetiċi. Il-pajjiż ta' oriġini għandu jiġi speċifikat għal prodotti kożmetiċi importati.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-prodotti kożmetiċi manifatturati fir-Renju Unit u mqiegħda fis-suq tal-UE se jkunu prodott kożmetiku importat fl-UE minn pajjiż terz. Għal dawn il-prodotti kożmetiċi importati, jeħtieġ li jiġi speċifikat il-pajjiż ta' oriġini.

5. ASSESSUR TAS-SIKUREZZA

Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, qabel ma tqiegħed prodott kożmetiku fis-suq, il-persuna responsabbli għandha tiżgura li l-prodott kożmetiku tkun saritlu evalwazzjoni tas-sikurezza fuq il-bażi tal-informazzjoni relevanti u li jkun sar rapport dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku skont l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u l-Linji Gwida relatati mniżżlin fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/674/UE tal-25 ta' Novembru 2013⁹. Ir-rapport dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku huwa inkluż fil-PIF.

Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, l-evalwazzjoni tas-sikurezza tal-prodott kożmetiku *“għandha ssir minn persuna li jkollha diploma jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali mogħtija wara t-tlestija ta' kors ta' studju universitarju ta' studju teoretiku u Prattiku fil-farmaċija, it-tossikoloġija, il-mediċina jew dixxiplina simili, jew ta' kors rikonoxxut bħala ekwivalenti minn Stat Membru.”*

It-taqsim 4.4 tal-Linji Gwida dwar l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 teħtieġ prova tal-kwalifika tal-assessur tas-sikurezza (jiġifieri kopja tad-diploma u, fejn ikun meħtieġ, prova tal-ekwivalenza) li għandha tiġi pprovduta mar-rapport dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-kwalifiki mir-Renju Unit li ma ġewx rikonoxxuti bħala ekwivalenti minn Stat Membru tal-UE ma jistgħux jintużaw għall-fini tal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009. Minn dan isegwi li – għal kwalunkwe prodott kożmetiku mqiegħed fis-suq tal-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni – l-evalwazzjoni tas-sikurezza tal-prodott kożmetiku trid tkun twettqet u r-rapport dwar is-sikurezza jrid ikun sar minn assesur tas-sikurezza li, fid-data tat-tqegħid fis-suq, ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 1223/2009, jiġifieri jkollu l-kwalifiki meħtieġa minn Stat Membru tal-UE.

⁹ ĠU L 315, 26.11.2013, p. 82.

L-assessuri tas-sikurezza li attwalment għandhom kwalifiki mir-Renju Unit, huma għalhekk imħeġġa li jfittxu, qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, rikonoxximent ta' ekwivalenza minn Stat Membru tal-UE sabiex il-kredenzjali tagħhom jibqgħu konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 1223/2009.

B. PRODOTTI KOŻMETIĊI MQIEGĦDA FIS-SUQ TAL-UE JEW TAR-RENJU UNIT QABEL TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

L-Artikolu 41(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdi li oġġett eżistenti u identifikabbli individwalment imqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jsir disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkola bejn dawk iż-żewġ swieq sakemm jasal għand l-utent aħħari tiegħu.

L-operatur ekonomiku li jinvoka dik id-dispożizzjoni għandu l-oneru tal-prova li juri fuq il-bażi ta' kwalunkwe dokument rilevanti li l-prodott kien tqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni¹⁰.

Għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni, "tqiegħid fis-suq" tfisser l-ewwel provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll mingħajr hlas¹¹. "Provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu" tfisser li oġġett eżistenti u individwalment identifikabbli, wara li jkun seħħ l-istadju tal-manifattura, ikun is-suġġett ta' ftehim bil-miktub jew verbali bejn żewġ, jew aktar, persuni ġuridiċi jew fiżiċi għat-trasferiment ta' sjieda, ta' kwalunkwe dritt ieħor ta' proprjetà, jew ta' pussess li jikkonċernaw l-oġġett inkwistjoni, jew ikun is-suġġett ta' offerta lil persuna jew persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-konklużjoni ta' tali ftehim"¹².

Pereżempju: Prodott kożmetiku individwali mibjugħ qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni minn produttur ibbażat fir-Renju Unit lil grossist ibbażat fir-Renju Unit u ttikkettat fir-Renju Unit b'persuna responabbli stabbilita fir-Renju Unit xorta jista' jiġi importat fl-UE mingħajr il-ħtieġa ta' tikkettar mill-ġdid tal-prodott kożmetiku.

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq¹³. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, u l-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jintemm 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni¹⁴.

¹⁰ L-Artikolu 42 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹¹ L-Artikolu 40(a) u (b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹² L-Artikolu 40(c) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹³ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁴ L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru¹⁵.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprovdi li r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 japplika għar-Renju Unit u fih, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq¹⁶.

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-avviż għandhom jinftiehm bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehm li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B' mod aktar speċifiku, dan ifisser *inter alia*:

- prodott kożmetiku mqiegħed fis-suq fl-Irlanda ta' fuq għandu jkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 1223/2009;
- prodott kożmetiku manifatturat fl-Irlanda ta' Fuq u ttrasportat lejn l-UE mhuwiex prodott kożmetiku importat għall-fini ta' tikkettar (ara hawn fuq, it-taqsim A.4);
- prodott kożmetiku ttrasportat mill-Gran Brittanja lejn l-Irlanda ta' fuq huwa prodott kożmetiku importat (ara hawn fuq, it-taqsimiet A.1 u A.4);
- il-persuna responsabbli tista' tkun stabbilita fl-Irlanda ta' Fuq (ara hawn fuq, it-taqsim A.1).

Madankollu, il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li

- jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni¹⁷;
- jibda proċeduri ta' oġġezzjoni, ta' salvagwardja jew ta' arbitraġġ safejn jikkonċernaw regolamenti, standards, valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet maħruġa jew imwettqa mill-Istati Membri tal-UE¹⁸;
- jaġixxi bħala l-awtorità ewlenija għal valutazzjonijiet, eżamijiet u awtorizzazzjonijiet¹⁹;

¹⁵ L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁶ L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-taqsim 17 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

¹⁷ Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dan se jseħħ fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁸ Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

¹⁹ L-Artikolu 13(6) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

- jinvoka l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għal prodotti mqiegħda legalment fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq²⁰.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-UE dwar prodotti kożmetiċi (http://ec.europa.eu/growth/sectors/cosmetics/legislation_mt) jipprovdi informazzjoni ġenerali rigward il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-prodotti kożmetiċi. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

²⁰ L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq